MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 288/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Montesin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Montesin talli fl-20 ta' Mejju 2005, ghall-habta tad-9:00pm., fir-residenza matrimonjali taghhom, Flat 5, Binja Hesri, Ent. E, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, ingurja jew hedded lil martu Tanya Montesin bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Montesin hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Montesin pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi c-citazzjoni dedotta kontra l-appellant tirreferi ghal incident li allegatament sehh fl-20 ta' Mejju, 2005 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija.

Illi mill-kopja tar-rapport esebit ma' l-atti u specifikatament a fol. 2 et sequitur tal-process jidher illi l-incident in kwistjoni sehh fid-19 ta' Mejju, 2005;

Fis-seduta tallum fil-fatt xehed P.C. 163 Robert Azzopardi illi kkonferma li Tania Montesin irraportat incident illi kien sehh fid-19 ta' Mejju, 2005, kif in effetti hemm indikat fir-rapport esebit.

F'dawn ic-cirkostanzi ghaldaqstant issib illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellant, cioe` li l-incident sehh fl-20 ta' Mejju 2005, ma tirrizultax, u l-appell ser jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------